DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR 200426** **08.03.2020**

**STQARRIJA MILL-UFFIĊĊJU TAL-ISPEAKER**

L-Ispeaker Anġlu Farrugia jagħmel referenza għall-artikolu li deher illum fil-ħarġa ta' *il-mument* kif ukoll online fuq NET News fejn hemm allegazzjoni dwar abbuż ta' overtime mill-pulizija li huma addetti mal-Parlament. L-Ispeaker jixtieq jikkjarifika li daqs xahar ilu, meta kienet inqalgħet din il-kwistjoni fil-midja, mill-ewwel kien ordna rapport mill-uffiċjal inkarigat mis-sigurtà fil-Parlament sabiex itih rendikont tax-xogħol u tal-overtime li sar u qiegħed isir. Dan ir-rapport ġie ppreżentat fejn l-Ispeaker ġie assigurat li ma kien qed isir l-ebda abbuż. Fil-frattemp, ġiet introdotta miżura addizzjonali fejn l-uffiċjali tal-pulizija jibdew jużaw l-access control cards sabiex jiffaċilitaw aktar il-kontroll fuq ix-xogħol li qiegħed isir f'dan ir-rigward.

L-Ispeaker Anġlu Farrugia jixtieq jiċċara li minkejja l-miżuri li ttieħdu, huwa diġà kkomunika b'mod immedjat mal-awtoritajiet kompetenti li min-naħa tagħhom diġà qed jagħtu l-attenzjoni dovuta lill-allegazzjoni inkwistjoni. Dan il-pass qiegħed jittieħed peress li bl-ebda mod ma jista' wieħed jaċċetta li jkun hemm dubju dwar is-serjetà fil-qadi tad-dmirijiet ta' kull min jaħdem fl-ogħla istituzzjoni tal-pajjiż.

**Attachments: none** 

3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700
press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt